MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Rikors Kongunt Numru. 351/2013

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Gunju 2001 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal (vide kopja ta' certifikat taz-zwieg hawn anness);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Ritienne Bugeja Fenech mit-2 ta' Awissu 2006, kopja ta' liema kuntratt hija hawn annessa bhala Dok B;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom separati snin twal u illum iffurmaw hajjiet totalment separati u distinti minn xulxin;

Illi b'hekk huma sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-Artikolu 66B et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-esponenti xtaqu jipprevalixxu ruhhom mid-drittijiet lilhom moghtija sabiex jitolbu il-hall taz-zwieg bejniethom;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien li tistabilixxi din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awissu, 2013;

Rat l-affidavits bix-xhieda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-2 ta' Awissu 2006 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------